KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 24

**It-Tlieta 20 ta’ Jannar 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christine Amaira – Viċi Sindku
Andrew Mallia – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 24.1 Qari tal-Apoloġiji

24.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Mallia minħabba li kellu taħriġ l-Università kif ukoll mingħand il-Viċi Sindku li nqabdet xogħol.

24.1.2 Hija infurmat ukoll li hekk kif mitluba, infurmat lis-Sur Ryan Mercieca Cefai li l-laqgħa ta' Diċembru kienet se tinqabeż.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 22 u 23

24.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 22 u 23, li kienu meqjusa moqrija.

24.2.2 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li għalkemm fuq il-lista tal-Kunsilliera hija mniżżla li attendiet għal-laqgħa, f'para. 22.1.1 hemm bżonn li jitneħħew il-kliem '*kif ukoll mingħand Margaret għax imsiefra*' minħabba li hija kienet preżenti. Il-Kunsill qabel u ġiet irranġata.

24.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 22 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

24.2.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li huwa ma kienx tenna l-kliem imniżżla fit-tieni sentenza ta' para. 23.5.2. Il-Kunsillier Agius informa li kien hu li qalhom u għaldaqstant l-ewwel kelma '*Huwa*' tat-tieni sentenza se tinbidel għal '*Il-Kunsillier Agius*'. Il-Kunsill qabel u ġiet irranġata.

24.2.5 Il-minuti tal-laqgħa numru 23 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 24.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 Is-Sindku informa b'riferenza għal para. 22.3.1, li l-Policy Consultant tal-Ministru Grima kien infurmah li l-grada tal-parkeġġ għandha tkun lesta sa nofs Frar. Is-Sindku talbu biex possibbilment jibdew id-diskussjonijiet qabel sabiex ma jintilifx ħin. S'issa iżda ma kienx għadna rċevejna risposta.

24.3.2 Fir-rigward ta' para. 22.3.3, is-Sindku informa li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kienu wkoll qablu unanimament li ż-żona tas-Swatar m'għandhiex tinbena u li għandha tinbidel f'park nazzjonali. Għaldaqstant kienet saret laqgħa mas-Sindku u s-SE tal-Kunsill u kien hemm qbil li ssir kommunikazzjoni mal-Ministru Dalli sabiex niltaqgħu magħha.

24.3.3 Is-Sindku fakkar li l-Kumitat Festi Esterni kienu għamlu talba biex jiltaqgħu mal-Kunsill. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu mistiedna jiġu wara li tispiċċa l-laqgħa ta' Frar.

24.3.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar para. 22.3.4, is-SE infurmat li wara l-laqgħa li kellha mal-Perit, din kienet ikkonfermat li s-SE għandha ġġib l-ispecifications tal-offerta tal-lifter mingħand l-inġinier. Għaldaqstant kienet se tagħmel laqgħa miegħu biex immexxu b'din l-offerta.

24.3.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar para. 22.3.6, is-SE infurmat li ma kinitx għadha bagħtet l-ittra iżda l-ħlas dovut kien tpoġġa fuq il-lista tal-pagamenti ta' dan ix-xahar.

24.3.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar para. 22.9.3 dwar il-MUSEUM, is-SE infurmat li għadha ma bagħtithiex. Hawnhekk hija staqsiet jekk għadhiex rilevanti. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li għandha tintbagħat xorta.

24.3.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Baldacchino Cefai dwar para. 22.5.5, is-Sindku informa li s-€7600 kienu ġew imħallsa fl-uffiċċju tal-Kunsill.

24.3.8 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar para. 22.10.6, is-SE infurmat li reġgħu qed jinġabu aktar kwotazzjonijiet għar-rampa tal-vann.

24.3.9 Dwar para. 22.10.10, u fuq proposta tal-Kunsillier Agius, kien hemm qbil li ssir applikazzjoni biex fil-parkeġġ ta' ħdejn il-ġibjun ikun permess biss parkeġġ għal *light vehicles only.* Kien hemm qbil ukoll li xorta għandha ssir talba wkoll li l-parkeġġ ikun permissibbli għall-parkeġġ biss minn residenti tal-Imsida (*residents parking only*).

24.3.10 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar para. 23.5.1, is-SE infurmat li kienet bagħtet kopja tal-post fuq whatsapp lill-Kunsilliera kollha u din kienet ittellgħet fuq is-social media wara li ġiet approvata mill-maġġoranza tal-Kunsilliera. Uħud mill-Kunsilliera kkonfermaw li dan kien minnu.

24.3.11 Is-Sindku informa li dwar il-berġa, kien bagħat għal update u rrispondewh li bħalissa qed jiffinalizzaw xi affarijiet u se jkunu qed jiltaqgħu mal-membri tal-Kunsill fil-qarib.

24.3.12 Is-Sindku informa li laqgħat ilu, huwa kien tkellem dwar li il-possibbiltà li nippromowvu l-irxoxt fl-Imsida u wara li din il-proposta ġiet approvata, huwa kien se jieħu ħsieb jerġa' jagħmel laqgħa magħhom.

24.3.13 Is-Sindku informa li kien jinsab konċernat dwar il-problema tal-iskart u għaldaqstant talab xi proposti min-naħa tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Agius informa li hu kien diġà tkellem ma' xi residenti u dawn kienu lesti li joffru l-elettriku minn darhom biex jitwaħħlu xi cameras. Hawnhekk il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni li probabbli dan ma jkunx permess minħabba li jkun hemm problema bil-GDPR. Il-Kunsillier JC Borg issuġġerixxa li l-Kunsill jobbliga lill-amministraturi tal-blokok biex ipoġġu cameras fejn juru min qed joħroġ l-iskart fil-ħin u l-ġurnata l-ħażina u jiġu mmultati. Is-Sindku propona li jinxtraw żewġ cameras li jitmexxew min-naħa għall-oħra tal-lokalità u jkunu jitħaddmu bis-sim card. Is-SE infurmat li probabbilment dan mhu permess, anke għaliex biex jitħaddmu bis-sim card iridu jkunu aċċessibbli. Kien hemm qbil li għandha ssaqsi lill-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data jekk hux possibbli li jitwaħħlu cameras ma' residenti u li jkunu jistgħu jiċċaqalqu minn post għall-ieħor.

24.3.14 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni lura mingħand il-PCRB fir-rigward l-offerta tal-ġardinar kif ukoll kommunikazzjoni mingħand l-appellant fejn talab li l-Kunsill xorta jaħdem miegħu. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jistax jopera ma' kuntrattur li mhux ikkuntrattat miegħu minħabba regolamenti finanzjarji li jirregolaw il-Gvern Lokali u għaldaqstant il-Kunsill se jmexxi mal-kuntrattur li rebaħ l-offerta.

24.3.15 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-Iskart Goff li kien qed jitlob li minn Frar 'il quddiem, jixtieq li l-ġranet jinbidlu mit-Tnejn sal-Ġimgħa u jieqaf is-servizz tas-Sibt. Il-Kunsill qabel li s-servizz tas-Sibt għandu jitħalla. Kemm-il darba huwa jibqa'

joġġezzjona l-Kunsill għandu jinfurmah li mhux qed jonora l-kuntratt u għaldaqstant kien se jwaqqfu.

24.3.16 Is-SE infurmat li kien iltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta tad-driver fejn ingħalqet l-evalwazzjoni. Is-SE preżentat kopja tar-rapport fejn il-Kunsill approvah.

24.3.17 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mill-istreet Naming Committee fejn dawn talbu biex jiġi prolungat Sqaq Santa Venera u tissemma' l-fetħa mingħajr isem. Hawnhekk il-Kunsillier Agius staqsa jekk din il-biċċa art kinitx privata jew pubblika. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsillier Baldacchino Cefai tikkonferma mal-Istreet Naming Committee jekk kinitx ġiet esproprijata l-fetħa qabel ma jkun hemm ebda deċiżjoni fir-rigward.

24.3.18 Is-SE kienet qrat il-kuntratt tal-FSWS dwar il-kirja li għandhom mingħand il-Kunsill u jidher li sal-lum dawn qatt ma kienu ntalbu jħallsu tal-manutenzjoni tal-lift hekk kif hemm miktub fuq il-kuntratt. Hija ġibdet l-attenzjoni li jekk il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, kienet se tieħu ħsieb tibgħatilhom kont b'lura ta' madwar €300 kull sena. Il-Kunsill qabel. Ġibdet l-attenzjoni wkoll li skont il-kuntratt, minn din is-sena l-kirja żdiedet b'elf ewro (5%) u għaldaqstant kien se jintbagħat ukoll kont li jirrifletti din iż-żieda. Il-Kunsill approva li jintbagħat dan il-kont ukoll.

24.3.19 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kont tad-dawl tal-bandli tas-Swatar li kien jammonta għal €33.55. Hija infurmat li min-naħa tal-PWD kienu qed jitolbu li jitħallas u li l-meter jinqeleb fuq il-Kunsill. Minħabba li ħadd mill-Kunsill ma kien jaf jekk dan il-ġnien hux devolut lilu jew jekk għadux jgħajjat lill-PWD, kien hemm qbil li s-SE tikteb lura lilhom biex iġġib aktar informazzjoni qabel tittieħed deċiżjoni jitħallasx jew le.

## 24.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal Kull Kwart (Sett – Diċ 2025)

24.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju permezz tal-*email*.

24.4.2 Hawnhekk sar kuntatt mal-*Accountant* fejn hija spjegat li l-aħħar kwart kien wieħed pożittiv u kompla jsaħħaħ il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

24.4.3 Ir-rapport finanzjarju għall-aħħar kwart tas-sena 2025 ġie approvat b'mod unanimu.

## 24.5 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2025

24.5.1 L-*Accountant* tat spjega ħafifa ta' kif kienet spiċċat is-sena finanzjarja tal-Kunsill fl-aħħar ta' Diċembru 2025.

24.5.2 Hija ferrħet lill-Kunsill għaliex kien irnexxielu jirriversja l-pożizzjoni negattiva f'waħda pożittiva, tant li spiċċa s-sena b'indikatur finanzjarju ta' 17%. Hija kompliet li l-Kunsill kien irnexxielu jagħmel tfaddil fuq kull spiża li kellu u għaldaqstant spiċċa s-sena konformi mar-regolamenti finanzjarji, li fakkret, jobbliga lill-Kunsill li jispiċċa s-sena b'indikatur finanzjarju ta' 10%. Hija infurmat li fil-każ tal-Kunsill tal-Imsida, 10% kienet tirrappreżenta €70,000.

24.5.3 Għall-mistoqsija tas-Sindku, l-accountant ikkonfermat li kienu saru *provisions* minn qabel għall-kontijiet li l-Kunsill jaf li għad għandu jirċievi.

24.5.4 Hija ġibdet l-attenzjoni li bħala *retained earnings* tas-sena 2025, il-Kunsill kien fadallu €45,000, li setgħu jintużaw matul is-sena 2026.

24.5.5 Hija ferrħet lill-Kunsill sħiħ li kien ħadem b'għaqal kbir, għalkemm saħħqet li l-Kunsill għandu xorta jibqa' jimxi mal-baġit li se jiġi approvat aktar tard waqt l-istess laqgħa, u li jservi ta' gwida lill-Kunsill dwar l-infiq għas-sena 2026. Hija spjegat li l-Kunsill se jkollu ħafna inqas restrizzjonijiet finanzjarji milli kellu matul is-sena li għaddiet, u għaldaqstant, għalkemm xorta jrid jieħu deċiżjonijiet għaqlin biex jispiċċa s-sena b'indikatur finanzjarju ta' 10% kif titlob il-liġi, seta' jagħmel infiq aktar sostanzjali milli għamel fis-sena preċedenti.

24.5.6 L-unaudited Financial Statements għas-sena 2025 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 24.6 Approvazzjoni tal-*budget* għas-sena 2026

24.6.1 Is-SE u l-Accountant taw rendikont ħafif ta' kif kien tqassam il-baġit għas-sena d-dieħla.

24.6.2 Fost oħrajn ġie spjegat li fil-baġit kien hemm inkluża paga għal ħaddiem manwali kemm-il darba jkun hemm bżonn; spejjeż għal uniformi għall-istaff; proġetti kapitali li jinkludu l-bini tal-binja tal-Kunsill, il-proġett ta' Triq Victor Denaro, ix-xiri tal-lift għall-wheelchairs kif ukoll ix-xogħlijiet fuq ir-reception tal-Kunsill. Kienu ġew inkluża wkoll €20,000 mal-fondi kapitali biex jagħmlu tajjeb għall-ko-finanzjament jekk il-Kunsill jirbaħ l-iskema tal-LESA għax-xiri taż-żewġ vetturi li jaħdmu bl-elettriku.

24.6.3 Il-baġit għas-sena 2026 ġie approvat hekk kif preżentat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 24.7 Approvazzjoni tal-*Business Plan* 2026-2030

24.7.1 L-*accountant* taf spjega tal-*business plan* għal dawn il-ħames snin li ġejjin.

24.7.2 Il-Kunsill approva l-*business plan* hekk kif preżentat u s-Sindku u s-SE iffirmawh.

## 24.8 Approvazzjoni tal-*Performance Bonuses* tas-Segretarji Eżekuttiv u l-impjegati

24.8.1 Is-SE preżentat kopja tal-*performance appraisals* hekk kif ġew diskussa mal-impjegati. Hija kienet qed tirrakkomanda li l-ħaddiema kollha jieħdu l-*full performance bonus*. Il-Kunsill approva.

24.8.2 Is-Sindku preżenta wkoll kopja tal-*performance appraisal* tas-SE hekk kif diskuss magħha. Hawnhekk hija ġiet mitluba toħroġ mill-uffiċċju sabiex is-Sindku jkun jista' jagħti spjega tiegħu. Il-Kunsill qabel li s-SE tingħata wkoll l-10%.

## 24.9 Approvazzjoni tal-Cameras għal Triq il-Kunċizzjoni minn TM

24.9.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni biex jitwaħħlu l-cameras hekk kif diskussi mill-Kunsill, biex Triq il-Kunċizzjoni tkun aċċessibbli biss minn residenti Misidjani reġistrati mal-Kunsill.

24.9.2 Kien hemm qbil li l-Kunsillier Mallia għandu jġib il-kwotazzjonijiet meħtieġa biex tinxtara din il-camera.

24.9.3 Sadanittant se tintbagħat ittra lir-residenti kollha ta' Triq il-Kunċizzjoni, Triq San Alwiġi, Triq it-Torri, Triq Zamenhoff, Triq ix-Xmiexi u Triq Box Box biex jiġu infurmati dwar din il-miżura minħabba li se jkunu l-aktar effettwati.

24.9.4 Aktar tard meta jkunu inxtraw il-cameras u qabel ma jkunu mqabbda mal-Control Room tal-LESA għandha tibda kampanja ta' tagħrif biex ma jingħatawx ċitazzjonijiet bla bżonn.

24.9.5 Hawnhekk il-Kunsillier Chircop staqsa meta se jkun lest ix-xogħol fuq Triq il-Kunċizzjoni. Is-SE infurmat li huwa maħsub li se jkun hemm bżonn mill-inqas ġimgħatejn oħra għaliex il-PWD kienu ddeċidew li jżidu wkoll rain-water gutter min-naħa għall-oħra tat-triq biex itaffi mill-ilma li jinżel minn Triq San Alwiġi u mix-Xmiexi u wara jridu jkomplu bit-trinka 'l isfel fi Triq il-Kunċizzjoni biex iqabbdu mal-mejn diġà eżistenti.

24.9.6 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li l-madum li qed jitwaħħal mhux jaqbel mal-kumplament kif ukoll uħud minnhom qegħdin perikolużi għax mhux jinżamm l-istess livell. Is-SE infurmat li diġà kellha laqgħa mal-kuntrattur dwar dan u kienet ukoll kitbet lill-Onor. Omar Farrugia biex tfakkru li kien wiegħed li din it-triq kienet se tinkesa b'mod li jixraq sqaq fil-UCA u dan kien bagħat lura li kien se jibgħat lid-DĠ biex jara x-xogħol.

## 24.10 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

24.10.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 24.11 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

24.11.1 Il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li l-barrier twila li kien hemm fi Triq Rue D'Argens ma' Triq il-Knisja kienet intlaqtet minn vettura u qatt ma twaħħlet lura. Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib il-kwotazzjonijiet biex issir barrier ta' madwar 3m.

24.11.2 Fuq talba tal-Kunsillier Farrugia kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lil IM għaliex il-monument qed jibqa' mixgħul lejl u nhar.

24.11.3 Għall-mistoqsija tal-kunsillier Farrugia lill-Kunsillier JC Borg dwar jekk kienx iltaqa' ma' rappreżentanza ta' IM, huwa informa li kien biss semmielhom xi punti (bħal tar-rifletturi u z-*zebra crossing* fost oħrajn). Hawnhekk il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li l-wiring tar-rifletturi li waħħlu għaddej minn barra u seta' jkun ta' periklu. Hawnhekk is-SE infurmat li bħalissa r-rifletturi huma mitfija.

24.11.4 Il-Kunsillier Christopher Borg informa li kienet tkompliet it-tieni parti tal-proġett Sublime fejn wara li ddaħħlu numru ta' applikazzjonijiet, saret evalwazzjoni u ntagħżlu żewġ organizzazzjonijiet li fix-xhur li ġejjin kienu se jorganizzaw attivitajiet f'isem il-Kunsill bil-fondi mirbuħa.

24.11.5 Is-SE infurmat li l-Kunsillier C. Borg kien se jattendi għal laqgħa preparatorja dwar il-proġett First Aid – A Safer Daily Life, ġewwa Thessaloniki fil-Greċja.

24.11.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar l-ittra taż-żona ta' Triq is-Sarġ, is-SE infurmat li din kienet għadha ma ntbagħtitx.

24.11.7 Il-Kunsillier JC Borg informa li kien għamel kuntatt mal-iskejjel dwar il-festa ta' San Ġużepp li se tinżamm nhar it-18 ta' Marzu filgħodu. Din kienet se tikkonsisti f'Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u rotta bil-purċissjoni tat-tfal. Huwa informa li kien se jkun hemm ukoll servizz ta' siegħa bil-banda.

24.11.8 Il-Kunsillier JC Borg informa li d-data tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tat-tfal kienet għadha ma ġietx iffissata. Huwa informa li għaliha kien se jkun hemm servizz ta' sagħtejn bil-banda.

24.11.9 Il-Kunsillier JC Borg staqsa lis-SE jekk hux se jkun beda x-xogħol tar-refurbishment fuq il-binja waqt iż-żmien tal-Wirja Sagra. Hija kkonfermat li le u li seta' jagħmel użu mill-board room bħas-soltu.

24.11.10 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar il-mixgħela, il-Kunsill qabel li għandha tinżamm bħas-soltu.

24.11.11 Il-Kunsillier JC Borg reġa' propona li l-isem ta' Triq il-Parroċċa jinbidel għal Triq Francesco Tabone, li huwa l-benefattur tal-vara ta' San Ġużepp. Il-Kunsillier Agius qabel mal-proposta tal-Kunsillier JC Borg għalkemm in ġenerali kien hemm inċertezza wara li s-Sindku ġibed l-attenzjoni minħabba li tibdil ta' isem ta' triq jaf joħloq inkonvenjenza lis-sidien tal-proprjetajiet.

24.11.12 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li kienu avviċinawha mill-MCCF li bi thejjija għall-Ġimgħa l-Kbira kienu se jorganizzaw festival bl-isem Kwareżima u xtaqu li jkun hemm parteċipazzjoni bil-vari tal-Imsida. Hija talbet lill-Kunsill jikkunsidra li jagħmel tajjeb għat-transport għat-tfal tal-iskola. Kien hemm approvazzjoni unanima għal din l-ispiża.

24.11.13 Hija infurmat ukoll li kienu talbu li l-Imsida tieħu ħsieb ukoll il-mixgħela iżda l-Kunsillier JC Borg kien informa li m'għandux ċans.

## 24.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

24.12.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni għall-kont tat-T&T fejn dan kien qed jiġi propost li jitnaqqas għal €14,230.97 minflok €24,256.79. Is-SE spjegat li kienu daru r-rati kollha mal-offerta tal-kuntrattur u waslet għal dan l-ammont. Il-Kunsill approva dan it-tnaqqis.

24.12.2 Is-SE preżentat numru ta' kwotazzjonijiet biex tinxtara shredder għall-użu tal-uffiċċju. Il-Kunsill approva li tinxtara.

24.12.3 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-24), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Farrugia ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 24.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:20pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar 2026 fl-4:00pm. Kien hemm qbil ukoll li l-laqgħa mal-Liaison Officer tinżamm fil-5:30pm u fis-6:00pm tinżamm il-laqgħa mal-Għaqda tal-Armar tal-Festa.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA**<br>Charles Selvaggi<br>Sindku | **IFFIRMATA**<br>Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |